



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0243/2014**

24.3.2014

**\***

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (COM(2013)0814 – C7-0464/2013 – 2013/0400(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Mojca Kleva Kekuš

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	11
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	13
PROĊEDURA .....	19



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti  
(COM(2013)0814 – C7-0464/2013 – 2013/0400(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0814),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0464/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0243/2014),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

**Proposta għal direttiva  
Premessa -1 (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(-1) Huwa stmat li kull sena fl-Unjoni  
jintilef EUR 1 triljun fi dħul potenzjali  
mit-taxxi minħabba frodi fiskali, evażjoni***

*tat-taxxa, evitar tat-taxxa jew ippjanar aggressiv tat-taxxa, li jirrappreżenta spiża approssimattiva ta' EUR 2 000 fis-sena għal kull ċittadin tal-Unjoni. Għalhekk huwa essenzjali li jittieħdu miżuri xierqa kontra l-frodi fiskali u li tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE<sup>1a</sup> sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva ma timpedixxix azzjoni effettiva kontra n-nontassazzjoni doppja fil-qasam tal-istrutturi ta' self ibridu.*

---

*<sup>1a</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠUL 345, 29.12.2011, p. 8).*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva Premessa -1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(-1a) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 bit-titolu 'Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa' tidentifika l-indirizzar ta' diskrepanzi bejn is-sistemi tat-taxxa bħala waħda mill-azzjonijiet li jridu jittieħdu fl-immedjat u tinkludi emenda tad-Direttiva 2011/96/UE sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tad-Direttiva ma timpedixxix b'mod involontarju l-azzjoni effettiva kontra n-nontassazzjoni doppja fil-qasam tal-istrutturi ta' self ibridu. Fil-Pjan ta' Azzjoni tħabbar ukoll rieżami tad-dispożizzjonijiet kontra l-abbuż previsti fid-direttivi dwar it-taxxa korporattiva, inkluża d-Direttiva 2011/96/UE, bil-ħsieb li jiġu implimentati l-prinċipji sottostanti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni*

*tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Ġlieda kontra Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni tat-Taxxa u r-Rifuġji Fiskali, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex fl-2013 tressaq proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2011/96/UE bil-għan li tiġi riveduta d-dispożizzjoni kontra l-abbuż u tiġi eliminata n-nontassazzjoni doppja, kif iffaċilitata minn entitajiet u strumenti ibridi finanzjarji fl-Unjoni.*

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Il-benefiċċji tad-Direttiva 2011/96/UE m'għandhomx iwasslu għal sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja u, għalhekk, jiġġeneraw benefiċċji fiskali mhux intenzjonati għal gruppi ta' kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla ma' gruppi ta' kumpaniji fl-istess Stat Membru.

##### *Emenda*

(2) Il-benefiċċji tad-Direttiva 2011/96/UE m'għandhomx iwasslu għal sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja **jew forom estremi ta' tassazzjoni baxxa wisq** u, għalhekk, jiġġeneraw benefiċċji fiskali mhux intenzjonati għal gruppi ta' kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla ma' gruppi ta' kumpaniji fl-istess Stat Membru.

### Emenda 4

#### Proposta għal direttiva Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sabiex jipprevjenu l-evitar tat-taxxa u l-abbuż permezz ta' arranġamenti artifiċjali, għandha tiddaħħal dispożizzjoni komuni kontra l-abbuż imfassla għall-iskop u l-għanijiet tad-Direttiva 2011/96/UE.

##### *Emenda*

(4) Sabiex jipprevjenu l-evitar tat-taxxa u l-abbuż permezz ta' arranġamenti artifiċjali, għandha tiddaħħal dispożizzjoni **obbligatorja** komuni kontra l-abbuż imfassla għall-iskop u l-għanijiet tad-Direttiva 2011/96/UE.

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li din id-Direttiva ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk ibbażati fuq ftehim li huma meħtieġa għall-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa.

#### *Emenda*

(5) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li din id-Direttiva ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk ibbażati fuq ftehim li huma meħtieġa għall-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa, **sakemm ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.**

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 1 Direttiva 2011/96/UE Artikolu 1 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk imsejsa fuq ftehim meħtieġa **għall-prevenzjoni** tal-evażjoni tat-taxxa.

#### *Emenda*

2. Din id-Direttiva ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk imsejsa fuq ftehim meħtieġa **għall-finijiet ta' prevenzjoni** tal-evażjoni tat-taxxa **jew biex l-attivitajiet ikunu jistgħu jiġu intaxxati fil-post tal-produzzjoni jew tal-konsum, sakemm ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.**

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – punt 2 Direttiva 2011/96/UE Artikolu 1a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri jirtiraw il-benefiċċju ta' din id-direttiva fil-każ ta' arrangement

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri jirtiraw il-benefiċċju ta' din id-direttiva fil-każ ta' arrangement



artifiċjali jew serje artifiċjali ta' arranġamenti li ddaħħlu fis-seħħ bil-għan **ewlieni** li jinkiseb vantaġġ fiskali inġust skont din id-direttiva u li jxejjen l-iskop, l-ispirtu u l-għan tad-dispożizzjonijiet tat-taxxa invokati.

artifiċjali jew serje artifiċjali ta' arranġamenti li ddaħħlu fis-seħħ bil-għan li jinkiseb vantaġġ fiskali inġust skont din id-direttiva u li jxejjen l-iskop, l-ispirtu u l-għan tad-dispożizzjonijiet tat-taxxa invokati.

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 2

Direttiva 2011/96/UE

Artikolu 1a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fid-determinazzjoni ta' jekk arranġament jew sensiela ta' arranġamenti humiex artifiċjali, l-Istati Membri parteċipanti jaċċertaw, b'mod partikolari, jekk dawn jinvolvux waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

#### *Emenda*

Fid-determinazzjoni ta' jekk arranġament jew sensiela ta' arranġamenti humiex artifiċjali, l-Istati Membri parteċipanti jaċċertaw, b'mod partikolari  **iżda mhux esklużiv**, jekk dawn jinvolvux waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)

Direttiva 2011/96/UE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

#### *Test fis-seħħ*

(a) **jibdlu**, permezz ta' ftehim bilaterali, il-kriterju taż-żamma ta' investment fil-kapital bil-kriterju ta' żamma ta' investment bid-drittijiet għall-vot;

#### *Emenda*

#### **2a. Fl-Artikolu 3(2), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:**

"(a) **iżidu**, permezz ta' ftehim bilaterali, il-kriterju taż-żamma ta' investment fil-kapital bil-kriterju ta' żamma ta' investment bid-drittijiet għall-vot;

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 2b (ġdid)

Direttiva 2011/96/UE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Fl-Artikolu 3(2), jitħassar il-punt (b).**

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 1a**

##### **Rieżami**

***Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill billi tanalizza l-operat ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari l-effikaċja tagħha fil-prevenzjoni tal-evitar u l-abbuż tat-taxxa.***

***Ir-rapport jiġi ppreżentat flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk ikun il-każ.***

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Tiġi ppubblikata f'forma kkonsolidata mad-Direttiva li temenda fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tagħha.***

## NOTA SPJEGATTIVA

Huwa mhux biss obbligu morali li tiġi żgurata l-ġustizzja fit-tassazzjoni fost il-klassijiet kollha tal-introjt; jagħmel ukoll sens ekonomiku kbir li jiġi żgurat li t-taxxi imposti jinġabru u jintużaw kollha kemm huma. Dħul addizzjonali għall-Istati Membri – mingħajr taxxi ġodda – jippermetti investiment ġdid fil-ħolqien tal-impjiegi, il-programmi tat-tkabbir u l-infrastruttura. Fi żmien meta l-Ewropa għadha qed tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżi, ma nistgħux ma niħdux azzjoni.

Fl-isfond tal-isforz li għaddej bħalissa fl-UE biex jingħalqu l-lakuni fiskali eżistenti ġġenerati billi jiġu sfruttati d-differenzi fis-sistemi fiskali nazzjonali tal-Istati Membri, in-nontassazzjoni doppja kif ukoll il-forom estremi ta' tassazzjoni baxxa wisq iċaħħdu lill-Istati Membri minn dħul sinifikanti u jrawmu kompetizzjoni inġusta bejn in-negozji li joperaw fis-Suq Uniku. Huwa għal raġunijiet ta' ġustizzja u trasparenza, kif ukoll għal finijiet ta' kompetizzjoni u effiċjenza ekonomika li l-UE trid tagħmel l-almu kollu tagħha biex tiżgura li d-distakk fiskali tagħha jingħalaq minnufih.

Il-Parlament Ewropew semma' leħnu ħafna drabi fid-dibattitu dwar il-ġustizzja fiskali u l-ġlieda kontra l-frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u r-rifuġji fiskali. Fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-PE tal-21 ta' Mejju 2013 (2013/2060(INI)), tlabna speċifikament lill-Kummissjoni biex tindirizza l-problema tad-diskrepanzi ibridi bejn is-sistemi fiskali differenti użati fl-Istati Membri, kif ukoll biex tippreżenta proposta għar-reviżjoni tal-PSD bil-għan li tiġi riveduta l-klawżola kontra l-abbuż u tiġi eliminata n-nontassazzjoni doppja fl-UE kif iffaċilitata minn arranġamenti ibridi.

Għaldaqstant ir-Rapporteur tilqa' u tappoġġja l-bidliet proposti introdotti mill-Kummissjoni. Il-proposta attwali tfittex li tindirizza d-diskrepanzi finanzjarji ibridi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD u tintroduċi regola ġenerali kontra l-abbuż sabiex jissaħħaħ il-funzjonament tal-PSD.

### 1. Diskrepanzi ibridi

Arranġamenti ta' self ibridu huma strumenti finanzjarji li għandhom karatteristiċi kemm ta' dejn kif ukoll ta' ekwità. Attwalment l-Istati Membri japplikaw kwalifiki differenti tat-taxxa għal self ibridu (dejn jew ekwità), u dan iwassal biex pagamenti permezz ta' self ibridu transfronter jiġu ttrattati bħala spiża deduċibbli mit-taxxa fi Stat Membru wieħed (fejn ikun tħallas is-self) u bħala distribuzzjoni ta' profitti eżenti mit-taxxa fl-Istat Membru l-ieħor (fejn ikun wasal il-pagament). Dan iwassal għal sitwazzjoni dannuża ta' nontassazzjoni doppja. Is-soluzzjoni proposta mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fl-2010, li tiggwida lill-Istati Membri biex isegwu l-kwalifikazzjoni mogħtija tat-taxxa għal pagamenti ta' self ibridu tal-Istat Membru tas-sors (bl-ebda eżenzjoni mit-taxxa mogħtija għal pagamenti ta' self ibridu li huma deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors), kienet l-aħjar approċċ. Madankollu, biex din is-soluzzjoni tiġi implimentata b'mod sħiħ, jeħtieġ li tiġi emendata u eliminata d-dispożizzjoni fil-PSD li tobbliga lill-Istati Membri sabiex jeżentaw mit-tassazzjoni d-distribuzzjonijiet tal-profitti li kumpaniji prinċipali jirċievu minn sussidjarji ta' Stat Membru ieħor.

## **2. Regola ġenerali kontra l-abbużi (GAAR)**

Bi tkompli fuq in-natura mhux obligatorja tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva (C(2012) 8806), ir-Rapporteur tilqa' b' sodisfazzjon l-element obligatorju, li għadu kemm ġie introdott, ta' regola ġenerali kontra l-abbużi li se tiżdied mal-PSD. L-inklużjoni ta' tali GAAR komprensiva u obligatorja tneħħi kull inċertezza legali u ttejjeb l-effiċjenza tal-miżuri meħuda biex jilqgħu kontra l-evitar tat-taxxa internazzjonali u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa filwaqt li ssaħħaħ l-azzjonijiet ikkoordinati tal-Istati Membri. Il-Parlament ilu ħafna jtkellem favur it-tmiem ta' "directive-shopping", fejn il-kumpaniji jfittxu li jinvestu permezz ta' intermedjarji fi Stati Membri fejn id-dispożizzjonijiet kontra l-abbuż huma anqas stretti jew fejn ma jkun hemm l-ebda regola; għaldaqstant ir-Rapporteur tappoġġja bil-qawwa l-introduzzjoni ta' regola obligatorja li biha l-Istati Membri jkollhom jinjoraw kwalunkwe benefiċċji fiskali li jirriżultaw minn arranġamenti artifiċjali jew dawk neqsin minn sustanza kummerċjali u li ma jirriflettux ir-realtà ekonomika.

## **3. L-istatus ta' kumpanija prinċipali u l-armonizzazzjoni tar-rata statutorja tat-taxxa korporattiva**

Minbarra l-emendi għall-Artikoli 1 u 4 tal-PSD, ir-Rapporteur tipproponi wkoll it-tiħiħ tad-definizzjoni ta' kumpanija prinċipali, fejn estensjoni ulterjuri ta' żmien u s-sehem ta' kapital minimu li għandu jinżamm fi Stat Membru ieħor minn kumpanija prinċipali għandhom jipprojbixxu kumpaniji multinazzjonali milli jibbenefikaw b'mod illeċitu u jfixklu l-kompetizzjoni. Għal raġunijiet simili, biex jiġi fi tmiemu d-dumping fiskali u biex minflok ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' armonizzazzjoni fiskali fis-Suq Uniku, ir-Rapporteur tintroduċi proposti, diġà appoġġjati minn dan il-Parlament fl-2011, biex ir-rata statutorja tat-taxxa korporattiva ta' Stat Membru ma tkunx inqas minn 75 % tar-rata statutorja medja tat-taxxa korporattiva applikabbli fl-Istati Membri kollha.

*Bl-erożjoni tal-bażi korporattiva fuq quddiem nett tal-aġenda politika internazzjonali, huwa ta' importanza kbira li l-UE jkollha rwol prinċipali fl-iżgurar li n-negozji korporattivi multinazzjonali jibdew jikkontribwixxu b'mod proporzjonali għas-sistemi fiskali u ġġib fi tmiemhom skemi aggressivi ta' evitar tat-taxxa ta' kumpaniji multinazzjonali li huma kumplikati, inġusti u mingħajr prinċipju u li ma jservu l-ebda skop ieħor ħlief biex jiġi evitat il-ħlas ta' sehem ġust ta' taxxi fi żminijiet meta l-kontribwenti fl-Ewropa kollha ġew imġiegħla jikkontribwixxu s-sehem tagħhom.*

12.2.2014

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti  
(COM(2013)0814 – C7-0464/2013 – 2013/0400(CNS))

Rapporteur (għal opinjoni): Lidia Joanna Geringer de Oedenberg

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Ir-rapporteur għal opinjoni tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva dwar kumpaniji prinċipali u sussidjarji minħabba li hi kruċjali biex tagħlaq il-lakuni eżistenti f'din id-Direttiva.

Ir-rapporteur tfakkar li madwar EUR 1 trilljun fi flus pubbliċi jintilfu minħabba frodi fiskali u taxxa li tiġi evitata kull sena fl-UE<sup>1</sup>. Dan l-ammont allarmanti ta' diskrepanza fiskali jirrappreżenta spiża annwali ta' bejn wieħed u ieħor EUR 2 000 għal kull ċittadin Ewropew. Il-medja tat-taxxa mitlufa fl-Ewropa llum taqbeż l-ammont totali li l-Istati Membri jonfqu fil-kura tas-saħħa, u tammonta għal aktar minn erba' darbiet l-ammont li jintefaq fuq l-edukazzjoni fl-UE.

Id-diskrepanza fiskali attwali fl-Ewropa tirrappreżenta mhux biss telf allarmanti ta' dħul pubbliku iżda wkoll periklu għas-salvagwardja tal-mudell soċjali tal-UE bbażat fuq servizzi pubbliċi ta' kwalità disponibbli għal kulħadd. Hija theddida għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku u daqqa għall-effiċjenza u s-sens ta' ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa fl-UE. It-telf ta' dħul ikompli jgħolli l-livelli tad-defiċit u tad-dejn fl-Istati Membri proprju fl-aktar żmien kruċjali tal-ġlieda kontra l-kriżi. Minħabba l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, il-fondi disponibbli biex jitħeġġeġ l-investment pubbliku, it-tkabbir u l-impjiegi qegħdin jonqsu ftit ftit.

F'dan il-kuntest, hu xieraq u ta' sodisfazzjon li l-Kummissjoni tiegħu l-inizjattiva biex tindirizza ċerti każijiet ta' nontassazzjoni doppja fir-rigward ta' uħud mid-diskrepanzi ibridi finanzjarji.

Fl-abbozz ta' opinjoni, ir-rapporteur ipproponiet għadd ta' emendi bl-għan li tiddekrivi,

---

<sup>1</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni tat-Taxxa u r-Rifuġji Fiskali P7\_TA, (2013)0205.

issaħħaħ u tiċċara t-test propost mill-Kummissjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Premessa -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(-1) Kalkolu ta' madwar EUR 1 triljun ta' dħul potenzjali mit-taxxi jintilef minħabba frodi fiskali, evażjoni tat-taxxa, evitar tat-taxxa u ppjanar aggressiv tat-taxxa kull sena fl-UE, li jirrapreżenta spiża approssimattiva ta' EUR 2 000 għal kull ċittadin Ewropew kull sena. Hu għalhekk vitali li jittieħdu miżuri xierqa kontra l-frodi fiskali u li tkun introdotta emenda leġiżlattiva għad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE li tiżgura li l-applikazzjoni tad-Direttiva ma tostakolax azzjoni effettiva kontra t-nontassazzjoni doppja fil-qasam tal-istrutturi ta' self ibridu.*

### Emenda 2

#### Proposta għal direttiva Premessa -1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(-1a) Il-Pjan ta' Azzjoni li jsaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa adottat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Diċembru 2011<sup>14a</sup> jidentifika l-indirizzar ta' diskrepanzi bejn is-sistemi*

*tat-taxxa bħala waħda mill-azzjonijiet li trid tittieħed fuq terminu qasir u jinkludi emenda leġiżlattiva tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE sabiex jiżgura li l-applikazzjoni tad-direttiva ma tostakolax b'mod involontarju l-azzjoni effettiva kontra n-nontassazzjoni doppja fil-qasam tal-istrutturi ta' self ibridu. Il-Pjan ta' Azzjoni ħabbar wkoll rieżami tad-dispożizzjonijiet kontra l-abbuż tad-direttivi dwar it-taxxa korporattiva, inkluża d-Direttiva 2011/96/UE, bil-ħsieb li jiġu implimentati l-prinċipji sottostanti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa<sup>14b</sup>. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Ġlieda kontra Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni tat-Taxxa u r-Rifuġji Fiskali<sup>14c</sup>, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex fl-2013 tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kumpaniji prinċipali u dawk sussidjarji bl-għan li tirrevedi l-klawsola kontra l-abbuż u telimina n-nontassazzjoni doppja kif faċilitata minn entitajiet u strumenti ibridi finanzjarji fl-UE.*

---

<sup>14a</sup> COM(2012)0722.

<sup>14b</sup> C(2012)8806.

<sup>14c</sup> P7\_TA(2013)0205.

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja li jirriżultaw minn diskrepanzi fit-trattament tat-taxxa tad-distribuzzjonijiet tal-profitt bejn l-Istati Membri, l-Istat Membru tal-kumpanija

##### *Emenda*

(3) Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja li jirriżultaw minn diskrepanzi fit-trattament tat-taxxa tad-distribuzzjonijiet tal-profitt bejn l-Istati Membri, l-Istat Membru tal-kumpanija

prinċipali u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha m'għandhomx jippermettu li dawk il-kumpaniji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa applikata fuq profitti mqassma riċevuti, sal-punt li dawn il-profitti huma deduċibbli mill-kumpanija sussidjarja tal-kumpanija prinċipali.

prinċipali u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha m'għandhomx jippermettu li dawk il-kumpaniji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa applikata fuq profitti mqassma riċevuti, sal-punt li dawn il-profitti huma deduċibbli mill-kumpanija sussidjarja tal-kumpanija prinċipali. ***L-Istat Membru tal-kumpanija prinċipali u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha għandhom jintaxxaw il-porzjon tal-profitti li huma deduċibbli mis-sussidjarja tal-kumpanija prinċipali.***

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 2011/96/UE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

"(a) iżommu lura milli jintaxxaw tali profitti jekk dawn il-profitti mhumiex deduċibbli mill-kumpanija sussidjarja tal-kumpanija prinċipali; jew"

##### *Emenda*

"(a) iżommu lura milli jintaxxaw tali profitti, ***imma biss*** jekk dawn il-profitti mhumiex deduċibbli mill-kumpanija sussidjarja tal-kumpanija prinċipali; or"

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1a (ġdid)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

##### ***Artikolu 1a***

##### ***Reviżjoni***

***Sentejn wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill filwaqt li tanalizza l-operat ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari l-effikaċja tagħha li tostakola l-evitar tat-taxxa u l-***



*abbuż.*

*Ir-rapport għandu jiġi preżentat flimkien  
ma' proposta leġiżlattiva, jekk xieraq.*

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u s-sussidjarji ta' Stati Membri differenti
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0814 – C7-0464/2013 – 2013/0400(CNS)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 13.1.2014
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 13.1.2014
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Lidia Joanna Geringer de Oedenberg 16.12.2013
<b>Eżami fil-kumitat</b>	21.1.2014
<b>Data tal-adozzjoni</b>	11.2.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer, Axel Voss
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sylvie Guillaume, Jan Mulder, Jaroslav Paška

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u s-sussidjarji ta' Stati Membri differenti	
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0814 – C7-0464/2013 – 2013/0400(CNS)	
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	16.12.2013	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 13.1.2014	
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 13.1.2014	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Mojca Kleva Kekuš 10.12.2013	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	17.2.2014	18.3.2014
<b>Data tal-adozzjoni</b>	18.3.2014	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35	–: 1
	0:	5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marino Baldini, Burkhard Balz, Jean-Paul Basset, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Syed Kamall, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Philippe Lamberts, Werner Langen, Ivana Maletić, Arlene McCarthy, Marlene Mizzi, Sławomir Nitrás, Ivari Padar, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lajos Bokros, Sari Essayah, Ashley Fox, Robert Goebbels, Anne E. Jensen, Olle Ludvigsson, Petru Constantin Luhan, Nils Torvalds	
<b>Data tat-tressiq</b>	24.3.2014	